Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

10940/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0180 (NLE)**

ACP 64
WTO 92
RELEX 762
COAFR 210
FDI 12

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 223/…**

**ta' …**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,**
**tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli**
**bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-26 ta' Mejju 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, u r-Repubblika tal-Angola dwar il-faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli.

(2) Fit-18 ta' Novembru 2022, in-negozjati dwar il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola ('il-Ftehim') ġew konklużi b'suċċess.

(3) Għalhekk, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola ('il-Ftehim') huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim[1*].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[1] It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.
[*] Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 10941/23.